

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/767**tat-13 ta' April 2022****dwar il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Portugall skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju***(notifikata bid-dokument C(2022) 2288)***(It-test bil-Portugiż biss huwa awtentiku)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari il-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

- (1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 għandha titwaqqaf skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri għandhom ifasslu, fil-livell nazzjonali jew fil-livell ta' blokko ta' spazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), miri vinkolanti ta' prestazzjoni għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-network. Dawk il-miri tal-prestazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha adottati mill-Kummissjoni għall-perjodu referenzjarju kkonċernat. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tivvaluta jekk il-miri tal-prestazzjoni proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mfassla mill-Istati Membri humiex konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha, billi tuża l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.
- (2) Mill-ewwel trimestru tas-sena kalendarja 2020, it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 ħalliet impatt sinifikanti fuq is-settur tat-trasport bl-ajru u meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija, naqqset b'mod konsiderevoli l-volumi tat-traffiku tal-ajru minħabba l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi biex tiġi kkontrollata l-pandemija.
- (3) Il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju ("RP3") ġew oriġinarjament stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 ⁽³⁾. Minħabba li dawk il-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha u l-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fl-RP3 sussegwentement imressqin mill-Istati Membri tfasslu qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, dawn ma setgħux iqsu ċ-ċirkostanzi li rriżultaw u nbidlu b'mod sinifikanti għat-trasport bl-ajru.

⁽¹⁾ ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/903 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49).

- (4) Bi tweġiba għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-provvista tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ġew stabbiliti miżuri eċċezzjonali għall-RP3, li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ⁽⁴⁾. Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 ⁽⁵⁾ li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3 fit-2 ta' Ġunju 2021.
- (5) Il-Kummissjoni tinnota li t-tbassir tat-traffiku bażi tas-Servizz tal-Istatistika u tat-Tbassir tal-Eurocontrol ("STATFOR") ta' Ottubru 2021 jipprevedi li t-traffiku tal-ajru fil-livell tal-Unjoni kollha se jilħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija tiegħu matul l-2023 u se jaqbeż daww il-livelli fl-2024. Madankollu, il-livell ta' inċertezza rigward l-iżvilupp tat-traffiku għadu partikolarment għoli minħabba r-riskji relatati mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-COVID-19. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-irkupru tat-traffiku mhuwiex mistenni li jkun uniformi fl-Istati Membri kollha.
- (6) L-Istati Membri kollha żviluppaw u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni li fihom miri tal-prestazzjoni lokali riveduti għall-RP3, li tressqu mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2021. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' daww l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jressqu l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni aġġornati sas-17 ta' Novembru 2021. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hija msejsa fuq l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni aġġornat imressaq mill-Portugall.
- (7) Il-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, ressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi l-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-RP3.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali proposti mill-Portugall abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u qieset iċ-ċirkostanzi lokali. Fir-rigward ta' kull qasam ewlieni tal-prestazzjoni u tal-miri tal-prestazzjoni relatati, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni billi rrieżaminat l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza

- (9) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri mressqin mill-Portugall rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri pplanati biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza fir-rigward tal-elementi stabbiliti fil-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.
- (10) L-abbozzi tal-miri ta' prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza proposti mill-Portugall fir-rigward tal-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, imqasma skont l-objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza u espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, huma kif ġej:

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/891 tat-2 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għan-network tal-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903 (ĠU L 195, 3.6.2021, p. 3).

Il-Portugall	Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza	2021	2022	2023	2024
NAV Portugal	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	C
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	D
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	C
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	C
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	C

- (11) Fir-rigward tal-abbozzi tal-miri tas-sikurezza proposti mill-Portugall għall-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (NAV Portugal), il-Kummissjoni sabet li l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha huwa ppjanat li jintlaħaq fl-2024 fir-rigward tal-objettiv tal-“ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza”, filwaqt li għall-“objettivi tal-ġestjoni għas-sikurezza” l-oħrajn, il-miri tal-prestazzjoni lokali jilhqqu l-livell tal-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.
- (12) Il-Kummissjoni tinnotta li l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Portugall jistabbilixxi miżuri għal NAV Portugal biex jintlaħqu l-miri tas-sikurezza lokali, bħall-aġġornament ta' għodod eżistenti, it-titjib tal-proċess ta' monitoraġġ tal-indikaturi tas-sikurezza u tar-rapportar dwar il-kultura tas-sikurezza, kif ukoll ir-reviżjoni tal-istruttura ta' taħriġ rigward is-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza.
- (13) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (11) u (12), u meta jitqies li l-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza mal-Unjoni kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891 iridu jintlaħqu sal-aħħar sena tal-RP3, jiġifieri l-2024, jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent

- (14) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, ġiet ivvalutatata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Portugall rigward l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir orizzontali en route stabbiliti fil-Pjan ta' Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot (“ERNIP”) disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-ambjent skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.
- (15) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntabx jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.
- (16) L-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent proposti mill-Portugall u l-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għall-RP3 mill-ERNIP, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali, huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-ambjent en route tal-Portugall , espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali en route tat-trajettorja reali	1,80 %	1,80 %	1,80 %	1,80 %
Valuri referenzjarji għall-Portugall	1,80 %	1,80 %	1,80 %	1,80 %

- (17) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-ambjent proposti mill-Portugall huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.
- (18) Fir-rigward tal-punt 2.1 (a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan ta' prestazzjoni, il-Portugall ippreżenta diversi miżuri biex jintlaħqu l-miri ambjentali lokali li jinkludu l-ottimizzazzjoni u l-estensjoni taż-Żona ta' Kontroll tat-Terminal (TMA) ta' Madeira, l-implimentazzjoni ta' pjan ta' tranżizzjoni għan-navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni (PBN), strutturi ġodda tat-Tluq Strumentali Standard (SID) u tal-Wasliet Strumentali Standard (STAR) f'Cascais, sistema "point merge" tat-TMA ta' Lisbona kif ukoll diversi miżuri biex tiżdied il-kollaborazzjoni transfruntiera ma' Franza, Spanja u l-Marokk.
- (19) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-Portugall diġà implimenta l-ispazju tal-ajru b'rotot liberi (FRA) mil-livell 245 ta' titjir fir-Reġjun ta' Informazzjoni dwar it-Titjir (FIR) ta' Lisbona u qed jippjana biex lejn tmiem l-2024, jestendi l-FRA sal-FIR ta' Santa Maria.
- (20) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (17) sa (19), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità

- (21) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, ġiet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Portugall rigward id-dewmien medju tal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") en route għal kull titjira abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-miri proposti li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network disponibbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miri tal-prestazzjoni riveduti mal-Unjoni kollha għall-RP3, jiġifieri fit-2 ta' Ġunju 2021. Dik il-valutazzjoni saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ġiet ikkomplementata mir-rieżami tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità skont il-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.
- (22) Fir-rigward tas-sena kalendarja 2020, il-mira tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għall-RP3 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, li inizjalment ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/903, ma ġietx riveduta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891, meta wieħed iqis li l-perjodu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dik il-mira kien skada u li għalhekk l-implimentazzjoni tagħha kienet saret definittiva u ma ħalliet l-ebda possibbiltà għal aġġustamenti retroattivi. Għaldaqstant, fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni mressqin sal-1 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri ma ntalbox jirrevedu l-miri tal-prestazzjoni lokali tagħhom għas-sena kalendarja 2020 fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità. Għalhekk, jenħtieġ li l-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti mal-Unjoni kollha tiġi vvalutata fir-rigward tas-snin kalendarji 2021, 2022, 2023 u 2024.
- (23) L-abbozzi tal-miri tal-kapaċità en route proposti mill-Portugall għall-RP3, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, kif ukoll il-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operazzjonali tan-Network huma kif ġej:

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità en route tal-Portugall , f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	0,09	0,13	0,13	0,13
Valuri referenzjarji għall-Portugall	0,09	0,13	0,13	0,13

- (24) Il-Kummissjoni tosserva li l-abbozzi tal-miri tal-kapaċità proposti mill-Portugall huma ugwali għall-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti għal kull sena kalendarja mill-2021 sal-2024.
- (25) Fir-rigward tal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tiegħu, il-Portugall ippreżenta firxa ta' miżuri biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali en route. Dawk il-miżuri jinkludu t-tranżizzjoni lejn sistema ġdida tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) u sala ġdida tal-Operazzjonijiet (OPS), bidliet fl-ispazju tal-ajru inkluż l-inizjattivi transfruntiera tal-FRA, it-tisħiħ tal-proċeduri tal-Ġestjoni tal-Fluss u tal-Kapaċità tat-Traffiku tal-Ajru (ATFCM) kif ukoll l-implimentazzjoni ta' pjan ta' reklu ta' biex l-FTEs tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jiġdedu b'mod sinifikanti (+ 25 % sal-2024 meta mqabbel mal-livelli tal-2019).
- (26) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (24) u (25), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

- (27) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità en route bir-rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li dawk l-abbozzi tal-miri jqajmu tħassib fir-rigward tal-Portugall.
- (28) Il-Kummissjoni tosserva li meta tqabbel l-abbozzi tal-miri nazzjonali dwar id-dewmien medju tal-ATFM tal-wasla mal-prestazzjoni ta' ajruporti simili fil-livell tal-ajruport matul it-tieni perjodu referenzjarju ("RP2"), il-Kummissjoni sabet li l-ajruporti ta' Lisbona u Porto huma mistennija jesperjenzaw dewmien tal-ATFM ogħla minn dak previst għal ajruporti simili.
- (29) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, b'raba mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tagħha f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, jenħtieġ li fid-dawl tal-osservazzjonijiet stabbiliti hawn fuq, il-Portugall jiġġustifika ulterjorment il-miri tal-kapaċità fit-terminal, jew jirrevedi l-isfel dawk il-miri.

Valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza

- (30) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, għet ivvalutata l-konsistenza tal-miri mressqin mill-Portugall rigward il-kostijiet unitarji ddeterminati ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu mix-xejra tad-DUC matul l-RP3, mix-xejra fit-tul tad-DUC matul l-RP2 u l-RP3 (2015-2024), u mill-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.
- (31) Il-valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza en route saret filwaqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali. Dan ġie kkomplementat mir-rieżami tal-fatturi u l-parametri ewlenin li jirfdu dawk il-miri kif speċifikat fil-punt 2.1(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.
- (32) L-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza en route proposti mill-Portugall għall-RP3 huma kif ġej:

Żona tal-imposti <i>en route</i> tal-Portugall Kontinentali	Valur bażi tal-2014	Valur bażi tal-2019	2020 - 2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza <i>en route</i>, espressi bħala kost unitarju ddeterminat <i>en route</i> (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	36,13 EUR	34,88 EUR	65,82 EUR	40,78 EUR	40,37 EUR	37,87 EUR

- (33) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC *en route* tal-Portugall fil-livell taż-żona tal-imposti ta' +2,1 % kull sena matul l-RP3 hija inqas mix-xejra mal-Unjoni kollha ta' +1,0 % matul l-istess perjodu.
- (34) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC *en route* tal-Portugall fil-livell taż-żona tal-imposti matul l-RP2 u l-RP3 ta' +0,5 % kull sena hija inqas mix-xejra fit-tul mal-Unjoni kollha ta' -1,3 % matul l-istess perjodu.
- (35) Madankollu, meta jitqabblu x-xejriet tad-DUC lokali u tal-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (33) u (34), jenħtieġ li jitqies li t-tbassir tat-tkabbir fit-traffiku *en route* mill-Eurocontrol STATFOR għall-Portugall matul l-RP3 huwa previst li jkun ferm aktar baxx mit-tkabbir medju tat-traffiku fil-livell tal-Unjoni kollha. Dan jagħmilha aktar diffiċli għall-Portugall biex jiġi soddifatt x-xejriet tad-DUC mal-Unjoni kollha.
- (36) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC ta' EUR 34,88 tal-Portugall f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017 (EUR 2017) huwa 12,2 % inqas mill-valur bażi medju ta' EUR 39,73 fl-EUR 2017 tal-grupp komparatur rilevanti. Il-Kummissjoni tinnota li l-kost unitarju ddeterminat *en route* tal-Portugall għall-2024 se jkompli jkun aktar baxx b'9,8 % mill-medja tal-grupp komparatur.
- (37) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk id-devjazzjonijiet osservati fil-premessi (33) u (34) jistgħux jitqiesu neċessarji u proporzjonati skont il-punt 1.4(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, diment li d-devjazzjonijiet osservati mix-xejra tad-DUC mal-Unjoni kollha jew mix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha jkunu dovuti esklussivament għall-kostijiet iddeterminati addizzjonali relatati mal-miżuri neċessarji biex jintlaħqu l-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità jew għall-miżuri ta' ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2(18) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.
- (38) Fir-rigward tal-kriterju speċifikat fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tiegħu, il-Portugall ippreżenta miżuri u investimenti li għandhom jiġu implimentati mill-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, jiġifieri NAV Portugal, għall-fini li jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali.
- (39) Partikolarment, il-Portugall qed jippjana li jqiegħed fis-servizz sistema ġdida tal-ATM, peress li s-sistema li qed tintuża bħalissa laqet tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha u għandha tiġi sostitwita. Din l-azzjoni hija tabilħaqq importanti sabiex fil-futur tiġi pprovduta kapaċità adegwata, peress li s-sistema tal-ATM eżistenti kienet responsabbli għal parti sostanzjali mid-dewmien tal-ATFM iġġenerat min-NAV Portugal fl-RP2, fiċ-ċirkostanzi ta' qabel il-COVID. Is-sistema ġdida tal-ATM se tnaqqas l-ammont ta' xogħol tal-ATCO għal kull inġenju u se tippermetti funzjonalitajiet ġodda, u b'hekk twassal għal kisbiet operazzjonali.
- (40) Barra minn hekk, il-Portugall qed jippjana li matul l-RP3, iżid b'mod sinifikanti n-numru ta' ATCOs ekwivalenti għall-full time fl-operat. Dan l-iżvilupp huwa essenzjali sabiex jippermetti l-ftuħ ta' għadd akbar ta' setturi fl-ispazju tal-ajru *en route* tal-Portugall sa tmiem l-RP3, li se jtejjeb il-kapaċità pprovduta.

- (41) Abbażi tal-analiżi dettaljata mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri rilevanti deskritti mill-Portugall fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni huma fil-fatt neċessarji biex jintlaħqu l-miri tal-kapaċità lokali. Barra minn hekk, wara li tqieset l-evalwazzjoni li saret mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, jista' jiġi konkluż li l-kostijiet addizzjonali ta' dawk il-miżuri huma akbar mid-devjazzjonijiet mix-xejra tad-DUC mal-Unjoni kollha u mix-xejra fit-tul tad-DUC mal-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (33) u (34).
- (42) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi (38) sa (41), il-Kummissjoni għalhekk issib li l-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) ġie ssodisfat fir-rigward tal-Portugall.
- (43) Mill-osservazzjonijiet preċedenti jirriżulta li mhuwiex neċessarju li jiġi eżaminat ulterjorment jekk il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(ii) huwiex se jiġi sodisfatt fir-rigward tal-Portugall.
- (44) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (33) sa (43), jenħtieġ li l-abbozzi tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall jiġu vvalutati bħala konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza.

Rieżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

- (45) Fir-rigward tal-ajruporti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 kif stabbilit fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza en route bir-riżami tal-abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal f'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Ma nstabx li dawk l-abbozzi tal-miri jqajmu tħassib fir-rigward tal-Portugall.

Rieżami tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 li jikkomplementa l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità

- (46) F'konformità mal-punt 2.1(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, b'rabta mal-valutazzjoni tal-abbozzi tal-miri tal-kapaċità, il-Kummissjoni kkomplementat il-valutazzjoni tagħha b'riżami tal-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi jissodisfawx ir-rekwiżiti sostantivi stabbiliti fl-Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Instab li l-abbozzi tal-iskemi ta' inċentivi li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall iqajmu tħassib.
- (47) Il-Kummissjoni tosserva li kemm l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità en route kif ukoll l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità fit-terminal proposti fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Portugall jinkludu żvantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,5 % tal-kostijiet iddeterminati u vantaġġ finanzjarju massimu li jammonta għal 0,5 % tal-kostijiet iddeterminati.
- (48) Fir-rigward ta' dawk l-iskemi ta' inċentivi, abbażi tal-parir espert ipprovdut mill-korp ta' analiżi tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha dubji kbar dwar jekk l-iżvantaġġ finanzjarju massimu propost, li jammonta għal 0,5 % tal-kostijiet iddeterminati, huwiex se jkollu xi impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.
- (49) Għalhekk, jenħtieġ li l-Portugall jirrevedi, b'rabta mal-adozzjoni tal-pjan tal-prestazzjoni finali tiegħu f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-iskemi ta' inċentivi tiegħu għall-ilhuk tal-miri tal-kapaċità en route u fit-terminal sabiex l-iżvantaġġi finanzjarji massimi li jirriżultaw minn dawk l-iskemi ta' inċentivi jiġu stabbiliti f'livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif meħtieġ b'mod dirett skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, li fil-fehma tal-Kummissjoni jenħtieġ li jwassal għal żvantaġġ finanzjarju massimu li jkun daqs jew ogħla minn 1 % tal-kostijiet iddeterminati.

KONKLUŻJONIJIET

- (50) Abbażi tal-valutazzjoni stabbilita fil-premessi (9) sa (49), il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Portugall huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha.

- (51) Il-Kummissjoni tinnota li xi Stati Membri indikaw li biħsiebhom jinkludu l-entrati tal-kostijiet relatati mad-detezzjoni tad-droni tal-ajruport fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit b'mod preċiż, abbażi tal-elementi li jinsabu fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, sa liema punt l-Istati Membri inkludew tali kostijiet iddeterminati fil-bażijiet tal-kostijiet tal-RP3 tagħhom u, fejn ġew inklużi dawn il-kostijiet, sa liema punt jiġġarrbu fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u b'hekk jistgħux jitqiesu eliġibbli skont l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti. Is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu talba għal informazzjoni *ad hoc* lill-Istati Membri kollha sabiex jiġbru informazzjoni rilevanti, u se jkomplu jeżaminaw il-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni fl-ajruporti rrapportati fil-kuntest tal-verifika tal-konformità tar-rata unitarja. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għas-sejbiet u għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-suġġett tal-kostijiet tad-detezzjoni tad-droni.
- (52) B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi li jipprojbixxu lit-trasportaturi tal-ajru Russi, lil kwalunkwe inġenju tal-ajru rreġistrat fir-Russja u lil kwalunkwe inġenju tal-ajru mhux irreġistrat fir-Russja li huwa l-proprjetà jew mikri, jew ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika Russa, minn entità jew minn korp Russu milli jinżlu fit-territorju tal-Unjoni, jew jitilqu minnu, jew jittajru fuqu. Dawk il-miżuri qed iwasslu għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru fuq it-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-impatt fil-livell tal-Unjoni kollha ma jkunx komparabbli mat-tnaqqis tat-traffiku tal-ajru li rriżulta mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-miżuri u l-proċessi eżistenti għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni u tal-imposti fl-RP3,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni mressaq mill-Portugall, skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 u elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/891.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, imressaq mill-Portugall skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tielet perjodu referenzjarju.

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA

Effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza

Il-Portugall	Miri dwar l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza, espressi bħala livell ta' implimentazzjoni, li jvarjaw mil-livell A sa D tal-EASA				
Fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru kkonċernat	Objettiv tal-ġestjoni tas-sikurezza	2021	2022	2023	2024
NAV Portugal	Politika u objettivi tas-sikurezza	C	C	C	C
	Ġestjoni tar-riskju għas-sikurezza	C	C	C	D
	Assigurazzjoni tas-sikurezza	C	C	C	C
	Promozzjoni tas-sikurezza	C	C	C	C
	Kultura tas-sikurezza	C	C	C	C

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT

Effiċjenza tat-titjir medja orizzontali *en route* tat-trajettorja reali

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri ambjentali <i>en route</i> tal-Portugall, espressi bħala l-effiċjenza tat-titjir medja orizzontali <i>en route</i> tat-trajettorja reali	1,80 %	1,80 %	1,80 %	1,80 %
Valuri referenzjarji għall-Portugall	1,80 %	1,80 %	1,80 %	1,80 %

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Dewmien medju tal-ATFM *en route* f'minuti għal kull titjira

	2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kapaċità <i>en route</i> tal-Portugall, f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira	0,09	0,13	0,13	0,13
Valuri referenzjarji għall-Portugall	0,09	0,13	0,13	0,13

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA**Kost unitarju ddeterminat għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route***

Żona tal-imposti <i>en route</i> tal-Portugall Kontinentali	Valur bażi tal-2014	Valur bażi tal-2019	2020 - 2021	2022	2023	2024
Abbozzi tal-miri tal-kosteffiċjenza <i>en route</i>, espressi bħala kost unitarju ddeterminat <i>en route</i> (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2017)	36,13 EUR	34,88 EUR	65,82 EUR	40,78 EUR	40,37 EUR	37,87 EUR